MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 6 ta' Novembru 2020 **Ref:** DLAP 246/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Linji Gwida dwar kif għandha tintuża l-Librerija tal-Iskola

---

**Din iċ-ċirkulari tgħodd biss għal dawk l-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat li l-librerija tal-iskola tagħhom tagħmel użu mill-katalogu tal-libreriji tal-entità nazzjonali Malta Libraries.**

Fis-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tirrakkomanda li:

1) L-għalliema u l-istudenti ma jfittxux il-kotba li jkunu jridu jissellfu mil-librerija tal-iskola billi jqallbu qalb il-kotba fuq l-ixkafef tal-librerija imma jfittxu l-kotba fil-katalgu provdut fil-ħolqa t'hawn taħt.
2) Wara li jfittxu x'kotba jkunu jridu, l-istudenti u l-għalliema għandhom jirriservaw il-kotba li jixtiequ jissellfu billi jibagħtu isimhom, kunjomhom, in-numru tal-karta tal-identità u d-dettalji tal-kotba li jixtiequ jissellfu b'ittra elettronika lill-għalliema-librara tal-iskola tagħhom stess.
3) L-għalliema-librara mbagħad ifittxu l-kotba huma, jipproċessawhom minn qabel u kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti jiġbruhom mil-librerija tal-iskola meta u minn fejn jindikawlhom l-għalliema-librara.
4) Meta l-għalliema u l-istudenti jżuru l-librerija jridu jilbsu maskra, inaddfu jdejhom bis-sanitiser u jħallu d-dettalji tagħhom lill-għalliema-librara, għal li jista' jkun, ikun meħtieġ jiġu kkuntattjati. Kull min ikun fil-librerija jrid iżomm 'il bogħod minn ħaddieħor 2 metri u ma jdumx fil-librerija aktar minn 10 minuti.

**Linji gwida kif tfittex il-kotba tal-librerija fil-katalgu**

Segwu dawn il-passi biex tfittxu l-kotba fil-katalgu mis-sit ta' Malta Libraries:

L-1 Pass
Fittex is-sit ta' Malta Libraries bil-browser li tħaddem (il-'Chrome' u 'Edge' jaħdmu l-aħjar) f'din il-ħolqa https://maltalibraries.gov.mt.

It-2 Pass
Aqleb il-lingwa tas-sit ta' Malta Libraries għall-Malti billi tagħfas il-kliem **Aqleb għall-Malti.** Dawn jinsabu fuq in-naħa tal-lemin tal-iskrin kif inhu indikat fiċ-ċirku li ġej:




Kamra 309/310, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 | t: + 356 2598 2425/6/7 | e: dlap@gov.mt / gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt

It-3 Pass
Kif tasal fil-homepage inżel 'l isfel sakemm issib **Fittex fil-Katalgu tal-Libreriji Pubbliċi** (kif indikat biċ-ċirku fl-eżempju t'hawn taħt). Daħħal il-kliem li bih tixtieq tfittex u agħfas **Fittex.**




Ir-riżultati tat-tfittxija jittieħdu mil-Librerija Pubblika Ċentrali, il-Libreriji Reġjonali u mill-fergħat tagħha. Il-katalgu tal-libreriji tal-iskejjel imsemmija huwa inkluż mal-katalgu tal-fergħat.

Ir-4 Pass
Biex tara l-kopji ta' kotba li għandha librerija partikolari, trid tnaqqas ir-riżultati tat-tfittxija tiegħek billi tagħżel il-librerija tal-iskola li tixtieq. Dan jista' jsir mis-sezzjoni tan-naħa tal-lemin fejn hemm menu msejjaħ **Lok.**




Il-5 Pass
Jekk il-librerija tal-iskola li tixtieq ma tidhirx fil-lista agħfas **...aktar...** .

Is-6 Pass

Kif tidher il-librerija tal-iskola li tixtieq tissellef minnha, tara l-isem tal-iskola u n-numru ta' rekords bit-titli tal-kotba li fihom it-terminu li tkun użajt fit-tfittxija.




Is-7 Pass

Jekk tagħfas wieħed mit-titli li jidher fuq in-naħa tax-xellug, tista' ssib aktar minn verżjoni waħda tal-istess ktieb. Agħfashom biex tara aktar informazzjoni. L-eżempju t'hawn taħt juri li hemm diversi kopji tal-ktieb imfittex u dawn jistgħu jiġu mislufa kif hemm indikat fiċ-ċirku.



L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tirrakkomanda li fis-sitwazzjoni preżenti m'għandux isir qari, studju, jew xogħol fil-librerija. It-twieqi u l-bibien għandhom jinżammu miftuħa sakemm tkun qiegħda tintuża l-librerija u l-ventijiet tal-airconditioner jinżammu jħarsu 'l fuq. Kull min jidħol fil-librerija, qabel jidħol, irid inaddaf idejh bis-santiser, ikun liebes maskra u jibqa' biha l-ħin kollu, u jrid iżomm 'il bogħod minn ħaddieħor żewġ metri.

L-għalliema-librara huma mitluba ma jmissux mal-ewwel il-kotba li jiġu rritornati. Il-kotba rritornati għandhom jitqegħdu fuq karru jew mejda, jew f'kontenitur imħejji apposta minn qabel għal dan il-għan u jitħallew hemm kwarantina almenu għal 48 siegħa.

Min ikun irid aktar informazzjoni jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Camilleri, Senior Manager tat-Taqsima tal-Libreriji tal-Iskola tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu billi jċempel 2598 3302 jew jibgħat ittra elettronika lil mark.camilleri.6@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**